MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 99/2012

Kawza fil-lista: 45

**TY**
**vs**
**PY**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Illi l-esponenti obbliga ruhu li jivversa manteniment ghall-mara fl-ammont ta' mitejn lira (Lm200) fix-xahar ekwivalenti ghall-erba' mija hamsa u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88), u li jivversa wkoll manteniment ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar ekwivalenti ghall-mitejn tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmu

(€232.94) ghal kull minuri, u dan ai termini tal-Artikolu numru hamsa (5) tal-imsemmmi att ta’ separazzjoni;

Illi l-esponenti jiddikjara illi dan il-manteniment kif imsemmi qed jithallas puntwalment u ghalhekk m’ hemmx arretrati ta’ manteniment pendenti.

Rat ir-risposta li biha l-konvenuta eccepiet hekk:

Illi l-esponenti tixtieq iggib a konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti certi punti saljenti li ghandhom jigu kkunsidrati qabel dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza taghha stante li jistghu joholqu impediment rikonoxxut mil-Ligi ghall-ghoti tad-divorzju;

Illi gustament r-rikorrenti semma r-rekwiziti li titlob il-Ligi, cioe’ l-prospett ta’ rikonciljazzjoni, il-hlas tal-manteniment kif delinjat fi klawzola numru 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet esebit, anness u mmarkat Dok. ‘A’ u li l-partijiet ilhom mifrudin ghal snin twal, precizament sa mill-ahhar tas-sena 2006;

Illi r-rikorrenti naqas milli jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti li l-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet jiddelinja affarijiet ohra li r-rikorrenti kellu jaderixxi ruhu maghhom, izda ghal zmien ferm twil, ir-rikorrenti naqas milli jonora’;

1. Illi klawzola numru 8 titkellem dwar min hu responsabbli ghal hlas edukattiv tal-minuri B u TP u kif delinjat huwa r-rikorrenti li hu marbut kontrattwalment jaghmel dan;

2. Illi kull darba li tkun waslet il-hlas tad-donazzjoni ta’ l-iskola tal-knisja fejn tattendi l-minuri BP u l-hlas ghat-trasport tal-istess minuri, l-esponenti trid titlob lir-rikorrenti sabiex jghaddilha l-flus biex jintbaghatu mal-minuri Filippa Cardona diversi drabi;

3. Illi sal-gurnata tal-llum id-donazzjoni li kellha tithallas mal-bidu tat-tielet term tas-sena skolastika ta’ FB effettivament ghadha ma thallsitx;

4. Illi fir-rigward tal-hlas ghal minuri TP li jattendi skola privata, r-rikorrenti jhallas billi jibghat il-pagament bil-posta u f’dan ir-rigward l-esponenti mhiex f’posizzjoni li tghid b’certezza jekk il-pagamenti hux qeghdin isiru;

5. Illi meta jasal iz-zmien biex jinxtraw il-kotba, uniformijiet (mhux kollha izda dawk li jkunu hargu minnhom il-minuri B u TP), stationery u kull haga ohra relatata ma edukazzjoni qabel il-bidu ta’ sena skolastika, l-esponenti trid tfakkar lir-rikorrenti diversi drabi biex jixtrihom u jghaddihomlha u dan stante li huwa r-rikorrenti nnifsu li jinsisti mal-esponenti li jrid jiehu hsieb jixtrihom hu;

6. Illi r-rikorrenti jaghzel li jghaddi l-affarijiet mehtiega gimgha jew tnejn qabel il-bidu ta’ sena skolastika gdida b’dan illi jtertaq kemm lil esponenti u lil uliedha;

7. Illi u nonostante’ li r-rikorrenti ntrabat li jhallas is-Summer school tal-minuri B u TP, r-rikorrenti ilu ghal dawn l-ahhar sentejn jew aktar ma jaghmel dan, vide klawzola numru 8 Dok. ‘A’;

8. Illi d-dar matrimonjali kif delinjata fi klawzola numru 11, giet trasferita lil esponenti;

9. Illi fuq l-istess fond kien hemm ammont kbir f’loan x’jithallas, liema loan ntrabat ir-rikorrenti li jhallas, vide klawzola numru 14 tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

10. Illi l-esponenti talbet lir-rikorrenti juriha bil-fatti li l-loan qeghda tithallas, jew li thallset u jekk hu l-kaz

jipprocedi biex jikkancella l-ipotekl li ntrabtet bihom l-istess esponenti fuq l-istess fond, izda r-rikorrenti naqas milli jaghmel dan u l-esponenti jehtieg li jkollha konferma bil-fatti stante' li ma tixtieqx li xi gurnata minn dawn tispicca barra t-triq b'zewgt itfal ta' 10 snin;

11. Illi l-partijet kienu ftehemu wkoll li r-rikorrenti ghandu jhallas u jaghmel tajjeb ghal dak li hemm imnizzel fil-klawzoli numru 12 u 13, izda r-rikorrenti naqas milli jaghmel dan ghal diversi snin ora mai;

12. Illi r-rikorrenti ilu zmien twil ma jhallasx il-kontijiet a tenur ta' l-Artikoli 12 u 13 tal-kuntratt;

13. Illi l-esponenti qeghdha tannetti prospett biex tindika x'ghadu ma thallasx;

Illi l-esponenti taghmel umli referenza ghall-Artikolu 66D(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jistipola li dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex takkorda divorzju fejn xi wahda mid-difizi kontemplati fl-istess Artikolu;

Illi f'dan is-sens, l-esponenti tirrileva li wahda minn dawn id-difizi li tista' tigi sollevat hija meta l-parti rikorrenti ma tkunx qeghdha thallas il-manteniment ma tkunx qed tonora tali hlas kif pattwit fil-kuntratt, u li f'kaz li t-talba ta' divorzju tigi accettata, tkun iktar difficli ghall-esponenti biex tiehu l-hlas tal-manteniment;

Illi ghalhekk, f'dan il-kuntest, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi effettivament ir-rikorrenti ma hux qed jonora l-kuntratt, billi certu spejjez baqghu ma thallsux, u liema spejjez, tenut kont id-definizzjoni ta' manteniment fl-Artikolu 19 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jinkludu ikel, hwejjeg, sahha, abitazzjoni u edukazzjoni;

Illi ghaldaqstant, l-esponenti titlob l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tghin biex tigi miftehma sistema

ahjar kif il-manteniment, f'kull aspett tieghu, kif hawn fuq espost, jigi mghoddi;

Illi ghaldaqstant, sakemm il-kwistjonijiet tal-manteniment ma jigux rizolti, l-esponenti m'ghandhiex ghazla hlief li tinvoka l-Artikolu 66D(2), sabiex topponi t-talba ghal divorzju, skond il-Ligi;

Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti, salv kull disposizzjoni ohra li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi hawn fuq spjegati.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partjiet, wara li ppremetta li l-kondizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 66B tal-Kap.16 jinsabu sodisfatti.

Minn naha taghha l-konvenuta issostni li l-attur humx qed ikun regolari fil-hlas tal-ispejjez edukattivi tal-minuri ndikati fil-klawsola numru 7 tal-kuntratt tas-separazzjoni; u mhuwiex puntwali fil-hlas ta' l-ispejjez indikati fil-klawsola numru 8;  inoltre, l-attur mhux qed ihallas l-ispejjez tas-summer school.

L-attur jichad dak allegat mill-konvenuta dwar l-ispejjez medici u edukattivi; u jsostni li dawn dejjem thallsu regolament.

Fir-rigward tal-manteniment indikat fil-klawsola 5 jidher li ma hemmx problema, u dan qed jithallas regolarment, kemm tal-konvenuta kif ukoll tat-tfal.

Jidher li l-punt principali ta' divergenza huma l-ispejjez indikati fil-klawsola numru 12 tal-kuntratt li taqra hekk: "Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jkun responsabbli u jibqa

jhallas hu l-kontijiet ghas-servizzi domestici bhal kontijiet tad-dawl, ta' l-ilma, tat-telefone tad-dar, internet, licenzji tat-television, u kif ukoll l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-manintenance tad-dar, u kull kont iehor relatat li jikkoncenraw id-dar tar-residenza tal-mara. Ir-ragel jobbliga ruhu li jindennizza lil Mara f' kaz li tkun imgieghlsa thallas tal-kontijiet." [Fol.6]

In propozitu t-tezi attrici hija fis-sens li l-obbligi ta' l-attur naxxenti minn din il-klawsola ma jaqghux fit-terminu 'manteniment' kontemplat fl-artikolu precitat; filwaqt li l-konvenuta ssostni li dawn ghandhom jifformaw parti mill-manteniment dovut mill-attur skond il-kuntratt.

Illi d-dispozizzjoni relevanti tal-ligi hija l-artiklu 19 li jghati defenizzjoni tal-terminu 'manteniment' skond il-ligi. Dan l-artikolu jaqra testwalment hekk:"[1] Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."

Illi mill-kuntratt tas-separazzjoni jrrizulta car li l-attur assuma l-obbligu li jhallas manteniment lill-konvenuta, kemm ghaliha, kif ukoll tat-tfal minuri tal-partijiet; u l-istess partijiet qabblu li, l-konvenuta flimkien mat-tfal minuri tal-partijiet jibqghu jghixu fid-dar li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet. L-attur assuma l-obbligu li jhallas is-servizzi indikati fil-klawsola precitat li, l-Qorti tosserva, huma essenzjali ghall-abitazzjoni tal-mara u tat-tfal, kif ukoll ghall-edukazzjoni ta' l-istess tfal tal-partijiet; multo magis kunsidrat il-fatt li f' dak iz-zmien il-konvenuta ma kienitx tahdem u ma kellhiex introjtu. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li dawn ghandhom jidhlu fid-defenizzjoni tal-kelma manteniment kif koncepita mill-ligi, kemm fl-artikolu 19 kif ukoll fl-artikolu 66B.

Rizultat ta'dan, il-Qorti tosserva li sabiex l-attur jirnexxi fit-talbiet tieghu, huwa ghandu jissodisfa lil din il-Qorti li dawn l-ispejjez, u senjatament dawk indikati fid-dokumenti annessi man-nota prezentata mill-konvenuta fl-udjenza

tat-13 ta' Gunju 2012, fil-fatt thallsu minnu, u ser jibqghu jithallsu sakemm ma jigix varjat il-kuntratt.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tirrizerva li tiddecidi definittivament dwar it-talbiet ta' l-attur fi stadju ulterjuri, fil-ghan li jirregola ruhu fir-rigward.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------